MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2007

Numru. 149/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Francis Schembri bin Joseph u Josephine nee' Zammit,**
**imwieled fl-1 ta' April 1961 u residenti 9 Flat 2, Triq Ulisse, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 16861(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Francis Schembri li gie akkuzat talli f'Ghawdex f'dawn l-ahhar 15 il-jum meta hekk kien ordnat mill-Qorti b'sentenza moghtija nhar it-28 ta' Novembru 2006 u kif modifikat

b’digriet iehor tas-7 ta’ Frar 2007 mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni familja preseduta mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D naqas li jghaddi lil martu Angelina Schembri dik is-somma ffissata mill-Qorti msemmija bhala manteniment ghaliha u ghal uliedu minuri fi zmien 15 il-jum li fih skond il-Qorti kellu jhallas dik is-somma (perjodu Jannar 2007 / Frar 2007) ta’ Lm 150 fix-xahar.

Semghet il-provi.

Rat d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali.

Jirrizulta mill-provi illi l-imputat ma ghaddiex lil martu il-manteniment ghal perjodu bejn Jannar 2007 u Frar 2007. Il-fatt illi l-imputat ghadda xi flus lil uliedu ma rrizultax illi dan kien jirrapprezenta l-manteniment dovut ghal dan il-perjodu.

Illi ghar-rigward ta’ l-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar il-validita tad-digriet tat-28 ta’ Novembru, 2006, irrizulta illi dan ghal ta’ lanqas sat-28 ta’ Jannar, 2007 kien ghadu validu, tant hu hekk illi l-Qorti tal-Familja b’digriet iehor tas-7 ta’ Frar, 2007 immodifikat dana id-digriet. L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri. Ghalhekk l-akkuza tirrizulta, peress illi jidher illi l-manteniment li thallas lill-kwerelanti kien biss l-ewwel pagament ta’ Lm150 u Lm55 ohra f’Dicembru, 2007. Il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah Lm25 ammenda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------